**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M. LL.D

**Appell Numru 256/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**Vs**

**Isabella Bellia.**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2020

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Isabella Bellia, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 299978(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tagħha ta' Prinċipal b'indirizz reġistrat 37, Sqaq Karla, Birkirkara, Malta u / jew bħala persuna li kienet inkarigata li tħallas l-pagi dovuti, naqset li tħallas l-pagi dovuti għall-perjodu ta' bejn l-01 ta' Settembru 2016 u l-31

t'Ottubru 2016 ammontanti għal **€1250.31,** naqset li tħallas parti mill-Weekly Allowance dovut għall-perjodu ta' bejn l-01 ta' Lulju 2016 u l-31 t'Ottubru 2016 ammontanti għal **€81.64** u naqset li tħallas parti mill-Bonus Statutorju dovut għall-perjodu bejn l-01 ta' Lulju 2016 u l-31 t'Ottubru 2016 ammontanti għal **€91.05**, li b'kollox jammontaw għal elf, erba' mija u tlieta u għoxrin Euro **(€1423) inklużi** taxxa u bolla, liema ammont kien dovut lill-ex-impjegata tagħha, u cioe' lil Claire (Claire-Ann) Suda (ID 376175(M)).

Il-Qorti ntalbet tordna lill-imputata, ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tħallas il-penali skont il-Liġi, kif ukoll tordna lill-imputata, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-200 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tħallas lil Claire (Claire-Ann) Suda (ID 376175(M)) l-ammont ta' elf erba' mija u tlieta u għoxrin ewro (€1423) għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati;

Rat is-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2018 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi li biha sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u kkundannatha tħallas multa ta' €500 konvertibbli fi priġunerija skont il-Liġi. Inoltre, fit-termini tal-artikolu 45(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, ordnat lill-imputata tħallas lil Claire (Claire-Ann) Suda (ID 376175(M)) l-ammont ta' elf, erba' mija u tlieta u għoxrin Euro (€1423);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Isabella Bellia intavolat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Ġunju 2018 permezz ta' liema talbet lill-Qorti **tħassar** u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull htija u piena;

Rat l-appell tal-appellanta;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif mitluba mill-Qorti;

Semgħet lill-partijiet;

Ikkunsidrat;

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar paga ta' mpjegata li ghalkemm, ghal xi raguni, kienet qed tithallas b'lura ghaz-zmien li fih ghamlet impjegata, dawk il-pagamenti twaqqfu hessrem u minghajr raguni. Misjuba hatja u ordnata biex thallas il-bilanc, l-appellanta hassitha aggravata minn dik is-sentenza u intavolat dan l-appell bil-gravami singolari tal-apprezzament tal-provi dovut ghas-segwenti aspetti: a) kalkolu matematiku zbaljat; b) kalkolu tas-salarju dovut; c) pagamenti zejda; d) kredibilita tax-xhieda; u e) dubju li jimmilita favur l-imputata;

2. Ezaminati dawn l-argumenti mressqa mill-appellanta in sostenn tal-aggravju li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament tajjeb tal-provi, dawn jistghu jkunu sintetizzati bil-mod segwenti. L-ewwel Qorti ghamlet kalkolu matematiku zbaljat minflok ma qadet fuq il-kalkolu prospettat mill-appellanta tant illi mhux biss kienet imhallsa l-paga dovuta talli l-kwerelanta thallset aktar milli dovut. Il-Kwerelanta ma

kienitx kredibbli fix-xiehda taghha u dan holoq konflitt fil-provi li kellu jwassal ghal-liberazzjoni taghha;

3. Ezaminati akkuratament sia s-sentenza appellata kif ukoll l-atti processwali, din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fid-decizzjoni tal-ewwel Qorti. Irid jinghad illi kawzi ta' din in-natura xi drabi jipprestaw certu diffikulta' konsistenti l-aktar fin-nuqqas ta' thejjija u zamma ta' atti li juru b'mod preciz dak li jkun thallas bhala paga u b'liema forma. Dan il-kaz ma hu xejn nieqes minn dan l-ingredjent izda bis-sahha ta' rendikont mhejji mill-*accountant* tal-appellanta, l-kwistjoni hija xi ftit anqas komplikata. Minkejja dan, l-appellanta xorta wahda tqis illi dak il-kalkolu hu zbaljat u dan huwa l-pern tal-kwistjoni kollha li allura taggira sia fuq il-prospett tal-accountant kif ukoll fuq il-kredibilita' tieghu;

4. Il-kwerelanta spjegat kif kienet tahdem mal-imputata bhala *sales representative,* esebiet il-kuntratt tax-xoghol taghha redatt minn Nutar Pubbliku u qalet li hadmet minn Lulju sa Ottubru tas-sena 2016. Il-paga ta' Lulju u Awwissu rcevietha b'lura fl-ahhar ta' Settembru izda dawk ta' Settembru u Ottubru baqghet ma rcevithomx. Mit-total li kellha tiehu irceviet tlett pagamenti li ghalihom halliet ricevuta. Dawn kienet tircevihom tramite l-accountant tal-imputata li fl-ahhar ricevuta indika li kien ghad hemm bilanc dovut bhala <u>paga</u> fl-ammont ta' €1,423.00;

5. L-accountant tal-imputata xehed illi kienet tghaddilu flus kontanti sabiex jaghmel il-pagamenti ta' kull gimgha tal-paga dovuta b'lura lill-kwerelanta izda f'salt wiehed dawn waqfu hesrem u ghalhekk ma setghax ikompli jhallas. Hu kkonferma d-dokument CS a fol 15 esebit mill-kwerelanta appena msemmi;

6. L-imputata xehedet illi l-kwerelanta mhux biss thallset tal-paga taghha talli thallset iz-zejjed u hadet l-ammont ta' €251.98 żejda, zammet ukoll flus tal-kumpanija u pagamenti dovuti lilha (l-imputata). Tghid ukoll illi wara li kienu saru tlett pagamenti lill-kwerelanta, qabdet il-kuntratt, ghamlet rendikont tal-pagi kollha li kienet hallset u kkonkludiet li kienet gia hallset oltre dak dovut lill-kwerelanta. Tghid illi qalet b'dan lill-accountant;

7. Din il-Qorti, bhala dik tal-ewwel grad, hi tal-fehma illi l-inkonsistenzi fix-xhieda tal-kwerelanta bhala meta tghid li l-pretensjoni taghha tinkludi ammonti dovuti bhala commission imbaghad tikkoregi ruhha, u meta tfixklet l-isem tal-accountant, huma zbalji li jista' jaghmel kull xhud u mhux ta' xi portata daqstant gravi li tirrendi d-deposizzjoni taghha bhala wahda inveritieri. Mhux l-istess jinghad izda ghal dik tal-imputata li ma kienet xejn konvincenti dwar ir-raguni li waqqfet il-pagamenti. L-appellanta tattakka l-korrettezza tal-kalkoli tal-accountant mhux fix-xiehda taghha jew fil-kontro ezami tieghu izda fis-sottomissjonijiet mressqa fl-appell. Huwa inutili ghaliha li tallega li din kienet ir-raguni li llum ghandha accountant iehor meta setghet facilment tixhed dwar

dan, la darba ghazlet li tixhed, u taghmel dawk id-domandi opportuni direttament lill-accountant per via ta' kontro ezami. Haga din li ma ghamiltx u li ghalhekk ma tistax issa tistenna li tattakka d-deposizzjoni tal-kwerelanta u tal-accountant taghha stess. L-istess accountant lanqas biss inghata raguni mill-imputata ghaliex waqfet tghaddilu l-flus biex ihallas lill-kwerelanta;

8. Mix-xhieda tar-rapprezentant tad-DIER jidher li inghata x'jifhem li l-pagamenti kienu waqfu minhabba allegazzjoni li l-kwerelanta kellha taghti xi flus jew oggetti lill-imputata tant li permezz ta' email tat- 2 ta' Far, 2017 hass li kellu jigbdilha l-attenzjoni li tnaqqis mill-paga mhux permess ghall-ebda raguni skond il-ligi;

9. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi illi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Konsegwentement l-appell qed ikun michud.